**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (49)

Bl-artiklu 48 temmejt lista twila ta' intervisti li jien kont għamilt lil numru sabiħ ta' qaddiefa u dilettanti bejn l-1975 u l-1995.

S'intendi f'idejja għandi bċejjeċ oħra ta' intervisti li kont għamilt lil xi diriġenti tal-clubs tar-Regatta, fosthom ma' Reno Chircop u Eddie Bendingfield (Isla), Feliċ Seisun, Chris Grech u Victor Dingli (Marsa), John Zammit (Kalkara) Salvu Ciantar (Birgu) u David Brydon (Marsamxett/Valletta li kienu jitkellmu l-aktar fuq il-qaddiefa u t-taħriġ tagħhom milli fuq l-istorja tal-club, u li wieħed jista' jsib siltiet minnhom *f'it-Torċa* (Settembru 1997). Nixtieq nagħlaq din il-kitba b'xi riflessjonijiet qosra dwar xi punti u kummenti li deher fihom ...

Fil-bidu ta' din il-kitba, jien kont sostnejt li dawn l-intervisti saru lil persuni li tul ħajjithom taw kontribut kbir biex din it-tradizzjoni tibqa' ħajja, iżda kemm minħabba l-età tagħhom kif ukoll it-tul taż-żmien li kellmu dwaru, jista' jagħti l-każ li ma kinux eżatti fid-dati, ekwipaġġi, ismijiet ta' qaddiefa jew opri. Iżda minkejja dan, partijiet sostanzjali mit-tagħrif li għaddewlna hu korrett (għax iċċekkjat) u għalhekk jagħmlu validu għall-istorja tar-Regatta.

Hawnhekk wieħed jistaqsi, il-kontenut ta' dawn l-intervisti kemm hu validu u x'siewi għandu għall-istorja ta' din id-drawwa? Għandu ħafna! Għaliex fuq din it-testimonjanza (dejjem fejn hemm qbil unanimu) tinbena u tissaħħaħ l-istorja tal-folklor ta' din id-drawwa. Fil-fatt, ħafna millintervistati (anzjani ta' 'l fuq minn 75 sena jew aktar) sostnew li huma minn dejjem kienu jisimgħu lix-xjuħ tagħhom jgħidu li dawn it-tiġrijiet minn dejjem jiftakruhom, li kienu antiki ħafna, u li kien hemm pika kbira fost id-distretti tal-port (kif kienu jsejħulhom qabel il-gwerra) u li kien jinqala' ħafna ġlied fihom.

Mela hawn qegħdin nitkellmu dwar drawwa antika li fiha kienu jippartecipaw opri tal-baħar żgħar mill-bliet ta' madwar il-port u li kienet teżisti pika kbira fost il-qaddiefa avversarji. Nafu li t-Tiġriia tal-Vitorja (magħrufa aktar bħala r-Regatta Nazzjonali) ilha magħna mill-1822, u li din it-tiġrija ħarġet minn oħra aktar antika (Portu Salvu) li kienet issir qabilha u li anke saret ukoll fi żmienha, u biex inkomplu mexjin maż-żmien, ir-Regatta tal-31 ta' Marzu ħarġet minn dik tal-Vitorja.

Qabel inkompli tajjeb li nfakkar lill-qarrejja li qed isegwu din il-kitba li l-gvern reġa' introduċa mill-ġdid ir-Regatta Nazzjonali fl-1951 - 13-il sena wara l-aħħar tiġrija (1938) li saret qabel il-gwerra, u li wħud minn dawn l-intervisti saru bejn 1975/80. Ovvjament l-intervistati kienu jiftakru tajjeb it-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra, u għalhekk setgħu jippargunaw iżżewġ żminijiet skond il-kejl tagħhom.



Ħarġu! Taqtiegħa ħarxa bejn id-dgħajjes tal-Midalji min minnhom jaqbeż fuq quddiem f'waħda mit-tiġrijiet akkaniti fis-snin 70

Il-maġġoranza tagħhom sostnew, li t-tiġrijiet ta' bejn iż-żewġ gwerer kienu popolari ħafna man-nies tal-Port il-Kbir, u f'Jum il-Vitorja kienu jsegwuhom bl-eluf. Minkejja din il-popolarità kbira fost il-poplu tagħna, il-gazzetti ta' dak iż-żmien, rari kienu jagħtu prominenza lir-Regatta, f'xi wħud minnhom insibu biss riferenza ta' dawn it-tiġrijiet u r-riżultati uffiċjali li kienet tgħaddilhom id-dwana – daqshekk, xejn aktar!

Sfortunatament, minħabba li f'kull edizzjoni tar-Regatta kien jinqala' l-ġlied fost il-partitarji avversarji, ħafna kienu dawk li lil dawn it-tiġrijiet kienu jqishom bħala divertiment irħis għall-klassi l-baxxa tas-soċjetà, u għalhekk, kif wieħed jimmaġina mhux kulħadd kien jattendi għalihom. Madankollu, ħaġa tal-għaġeb, il-Port il-Kbir kien ikun mimli bl-eluf ta' spettaturi, u l-briju kien ikun kbir waqt ir-Regatta Nazzjonali. Sa qabel il-gwerra, fiż-żewġ portijiet kien hawn mijiet ta' barklori, sajjieda, burdnara, eluf ta' ħaddiema jaħdmu fit-tarzna – parti kbira mill-Kottonera u l-imħawi ta' madwar, b'mijiet oħra li xogħlhom kien konness mal-baħar u s'intendi wieħed ma jridx jinsa lill-familja tagħhom - familji kbar. Barra hekk, nimmaġina li ħafna familji oħra, irrispettivament il-qagħda soċjali tagħhom, kemm minħabba l-ispirtu parrokkjali kif ukoll l-interess tagħhom f'pajjiżhom, ta' kull sena kienu jinżlu fil-Port il-Kbir biex isegwu dawn it-tiġrijiet.

M'hemmx l-iċken dubju li r-Regatta Nazzjonali, kemm bħala avveniment sportiv u tradizzjonali f'Jum il-festa Nazzjonali tat-8 ta' Settembru kien jiġbed massa kbira ta' nies lejn il-port, b'ħafna dilettanti u partitarji jistennewha minn sena għall-oħra.

Madankollu, nafu, li f'kull distrett kien hemm sezzjoni ta' nies li lanqas biss kienu jagħtu kasha - qisha ma teżistix. Toħroġ il-għaġeb, saħansitra fl-Isla, li ironikament din id-drawwa hija marbuta storikament ma' din il-belt Marittima, sal-lum, għadek issib persuni li minkejja iqisuha bħala parti mill-festa tagħhom, jippreferu li t-tiġrija ssir lejlet il-Vitorja għaliex jibżgħu li l-pika li teżisti fost il-clubs tista' tikkawża xi ġlied waqt il-purċissjoni bl-Istatwa tal-Bambina tkun ix-xatt u tisfratta l-festa. Waqt li nimmaġina li qabel il-gwerra n-numru kien akbar ħafna, oħrajn isostnu li r-Regatta f'nhar il-Vitorja tkompli tkabbar il-briju tal-festa – aktar meta l-Isla tirbaħ ix-Shield. Insomma, kulħadd għandu r-raġunijiet tiegħu!

Qed insemmi l-ġlied, jien niftakar li fis-snin sittin ġieli nqala' xi nkwiet fix-xatt tal-Isla! Xi wħud kienu jaħsbu minħabba l-pika esaġerata li kienet teżisti f'dak iż-żmien fost il-partitarji avversarji, iżda l-pern tal-inkwiet kien ikun jiffokka l-aktar fuq l-imħatri li kienu jsiru fihom – il-lum m'għadux jinqala' ġlied fir-Regatta għax il-qaddiefa saru aktar sportivi, u l-probabbiltà hi, li l-qaddiefa li għandek miegħek illum, sena oħra jirreġistraw mal-club avversarju tiegħek ...

L-iStorja tar-Regatta bejn l-1900 u l-1960 inbniet fuq għexieren ta' intervisti li xi wħud minnhom dehru f'din is-sensiela li bdiet madwar sena ilu - inkiteb biss dak kollu fejn il-protagonisti qablu dwaru. S'intendi missnin 70 sa nofs is-snin 80, l-istorja moderna ta' dawn it-tiġrijiet tradizzjonali kompliet tissaħħaħ bil-kitbiet ta' tagħrif u l-analiżi li kienu jidhru regolarment fil-gazzetti tal-Union Print u *Il-Ħajja*.

Kien żmien ukoll fejn din id-drawwa antika tal-port kienet tingħata pubbliċità kbira fuq ir-Redifussion u Television Malta. Illum f'idejna, għandna numru ta' kotba li fihom isibu ħafna materjal dwar l-Istorja tagħha, li tagħmel parti mill-istorja ta' pajjiżna fejn jidħol dan il-folklor marittimu u reliġjuż partikoralment tal-Port il-Kbir - din il-ħidma ilni sejjer biha għal dawn l-aħħar 45 sena.

Ħafna mill-intervistati Beltin kollha saħqu li l-qaddiefa tagħhom minn dejjem kienu jitħarrġu fil-Port ta' Marsamxett, mhux dejjem fl-istess xaqliba għax kien jiddependi ħafna fuq l-irjieħ u l-kurrenti li jaħkmu dan port miftuħ.

Għal dan it-taħriġ kienu jattendu ħafna partitarji! Kienu jidħlu l-Port il-Kbir fl-aħħar ġimgħa qabel ir-Regatta. Huma sostnew li meta l-kumitat Belti kiseb maħżen f'xatt il-Belt, qrib id-Dwana l-Antika, u t-taħriġ tal-qaddiefa beda jsir fil-Port il-Kbir, is-sapport naqas ħafna. Oħrajn huma tal-fehma, li n-nuqqas tar-rebħ tax-Shield seta' nissel apatija kbira fost id-dilettanti Beltin, iżda l-fatti juri mod ieħor, għax anke meta finalment l-Beltin rebħuha għal darba tnejn, is-sapport baqa' wieħed miżeru u saħansitra kien hemm edizzjonijiet fejn id-diriġenti tal-club sabuha diffiċli ħafna biex isibu qaddiefa biżżejjed biex jarmaw l-opri tagħhom.

Ironikament, f'dawn l-aħħar snin , din il-problema esperjenzawha wkoll clubs oħra tal-Port il-Kbir, fejn minħabba nuqqas ta' ħeġġa u entużjażmu fost il-partitarji tagħhom, lanqas biss sabu qaddiefa biżżejjed biex jarmaw l-opri tagħhom għażżewġ kategorijiet ta' tiġrijiet. Quddiem din is-sitwazzjoni, id-diriġenti ta' dawn il-clubs studjaw x'ċanis kellhom għar-rebħ ta' paljijiet, u finalment iddeċidew li aħjar jarmaw tajjeb kategorija 'B' u jipparteċipaw biss f'xi tiġrijiet tal-'Open'.

Jgħidulek li bil-qaddiefa li għandhom ma jistgħux jikkompetu mal-clubs tal-Isla, Bormla u l-Marsa, li barra li huma b'saħħithom ħafna f'kategorija 'Open', kapaċi wkoll jarmaw tajjeb kategorija 'B'. Kontra l-qawwa tad-distretti l-kbar, dawn il-clubs jqisu li f'kategorija 'B' aktar għandhom ċans li jirbħu xi paljijiet, u forsi wkoll ix-Shield.

Din hi s-sitwazzjoni preżenti li xi wħud mill-clubs qegħdin iħabbtu wiċċhom magħha ta' kull sena. F'dawn l-aħħar 20 sena u forsi aktar ukoll osservajna li x-Shield tintrebaħ minn dak id-distrett li kapaċi jattira l-aħjar qaddiefa li jkollna fil-mument u l-possibbiltà hi, li ma' min jirreġistraw dawn il-qaddiefa jidħlu biċ-ċans li jirbħu x-Shield taż-żewġ Regatti Nazzjonali ...

Fl-imgħoddi l-qaddiefa kienu jkunu mil-lokal u kien hemm żmien meta l-qaddiefa kienu jirreġistraw ma' club għal tliet snin u aktar, u marbutin b'regolamenti f' f*kemm-il korsa setgħu jieħdu sehem fiha – insomma, illum dan kollu hu parti mill-istorja tar-Regatta ...